MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 545/1995/1

**Joe Attard ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Joseph Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-20 ta' April 1995 fejn gie premess:

Illi l-konvenut, fl-10 ta' gunju 1994, waqt li kien qed ihaffer fi Triq il-Blajjiet, M'Scala, laqat "high tension cable" proprjeta` ta' l-attur *nomine*;

Illi d-danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi cable jammontaw ghal erba'

mija u sitta u erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm446.26);

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 1994 huwa baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kkawzata f'proprjeta` ta' l-attur *nomine* fi Triq il-Blajjiet, M'Scala fl-10 ta' Gunju 1994;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm446.26 in linea ta' danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta` kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluza l-ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 1994, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sa' l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' Gunju 1996 fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok, li l-azzjoni attrici hi preskritta;

2. Fit-tieni lok, l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident u ghall-hsarat allegatament kawzati billi qabel ma esegwixxa x-xoghlijiet huwa ha hsieb jassigura permezz ta' l-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta u Telemalta illi fit-triq fejn kien qed isir it-thaffir ma kienx hemm cables taz-zewg korporazzjonijiet;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali pprezentati mill-kontendenti;

Ikkonsidrat:-

<u>L-eccezzjoni preliminari:</u>

Illi din il-kawza giet intavolata ghaxar xhur wara li sehh l-incident in kwistjoni. Jidher li l-artiklu relevanti dwar il-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz in kwistjoni huwa artiklu 2153 tal-Kodici Civili, liema artiklu jitratta dwar azzjonijiet ghal hsarat mhux ikkagunati b'reat. Mario Sultana, Works Technical Officer ma' l-Enemalta, kontro-ezaminat xehed li ghalkemm effetivament kienu ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut, jirrizulta li fil-11 ta' Dicembru 1997 kien gie illiberat. Il-preskrizzjoni taht dan l-artiklu hija ta' sentejn u ghalhekk jidher li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tregix;

<u>Il-mertu:</u>

Illi mhux ikkontestat li fl-10 ta' Gunju 1994, waqt li l-konvenut kien qed ihaffer fi Triq il-Bajjiet, M'Scala, intlaqat il-"high tension cable" propjeta` ta' l-Enemalta;

Illi l-konvenut pero` jidhirlu li huwa mhux responabbil ghad-danni li kkaguna peress li qabel ma inbeda x-xoghol huwa kien assigura ruhu permezz ta' l-ufficjali ta' l-Enemalta u t-Telemalta li ma kienx hemm cables tal-Korporazzjonijiet ghaddejjin. *"L-Enemalta kienu informawni bil-fomm ukoll tlett ijiem qabel ma nbeda x-*

*xoghol illi jekk ikun hemm cables ghaddejjin taht l-art huma kienu jindikaw dan b'ticpisa taz-zebgha fl-art. Meta jien tlajt fuq il-lant tax-xoghol ma osservajt l-ebda ticpisa zebgha …";*

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu xehed li qabel ma jinbdew ix-xoghlijiet il-procedura hi li wiehed imur ir-Roads Department u jigbor formola safra li fuqha jiffirmaw diversi dipartimenti u awtoritajiet fosthom l-istess Korporazzjoni Enemalta. Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma esebixxa ebda dokument simili;

Illi Mario Sultana, mill-Enemalta, kontro-ezaminat xehed li l-procedura normali hi li dak li jkun jipprezenta kopja tal-permess tal-Pulizija u sussegwentement rapprezentanti ta' l-Enemalta jiltaqghu fuq il-post ma' dak li jkun se jaghmel ix-xoghlijiet biex dak li jkun jispjega minn fejn hu bi hsiebu li jghaddi u ta' l-Enemalta juruh fejn huma l-cables. Zied jghid li mir-records tal-Korporazzjoni ma jirrizultax li saret din il-procedura fil-kaz odjern u spjega li dak iz-zmien in-nies tad-Distrett li jmorru *on site* ma kienux jinnotaw li jkunu fil-fatt marru biex jindikaw lill-kuntrattur minn fejn kienu ghaddejjin il-cables;

Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova li turi li hu jew xi nies tieghu kienu iltaqghu fuq il-post ma' rapprezentanti ta' l-Enemalta, kif tirrikjedi l-procedura. Huwa sempliciment jghid li xi ufficjal mill-Enemalta kien avzah bil-fomm li fejn ikun hemm il-cables ghaddejjin huma jindikawh biz-zebgha hamra, u lanqas dwar dan ma ressaq xi prova;

Illi l-konvenut issottometta li x-xoghol kollu tieghu beda, sa minn Dicembru 1993, jsir minn socjeta` ta' responsabilita` limitata li huwa waqqaf izda bl-ebda mod ma cahad li l-makkinarju li ikkaguna l-hsara kien tieghu. Meta il-Works Technical Officer ta' l-Enemalta mar fuq il-post ghalkemm ma kien hemm hadd "Jiena rajt il-makkinarju tal-konvenut, partikolarment il-JCB 04271 fil-vicinanzi ta' fejn saret il-hsara". Ix-xhud Mario Sultana stqarr "jien ma nafx min kien qed isuq il-JCB. Naf biss min hu is-sid taghha";

Illi skond ir-rapport tal-pulizija "when spoken to by the Police Joseph Galea refused to make good for the damages caused"; stqarrija bhal din ma twassalx 'il boghod fi proceduri kriminali imma ghall-iskop tal-kawza odjerna, il-Qorti kienet tistenna li jiddikjara li hu ma kienx il-persuna inkarigata;

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu spjega li hu kien jaf bil-formola u bil-procedura li kellu jsegwi qabel jibda jhaffer; minn dan ma sar xejn pero` xehed li tlett ijiem qabel qalulu li jekk ikun hemm cable jimmarkawh biz-zebgha. Galea kien jaf li din ma kienetx il-procedura mehtiega u kien izjed minn ovvju li ma tistax tiftah trinka minghajr ma "jinfurmaw diversi dipartimenti u awtoritajiet fosthom l-istess Korporazzjoni Enemalta" (kliem il-konvenut stess);

Illi kien l-istess konvenut li mar fuq il-lant qabel beda it-thaffir;

Illi minn imkien ma harget ebda hjiel ta' prova dwar l-allegata socjeta` li semma il-konvenut; il-makkinarju jidher li kien tal-konvenut u hu kien imexxi lill-ufficjali li semma hu stess. Meta xi persuna tagixxi ghan-nom ta' hadd iehor (jew socjeta`) dan irid jirrizulta b'mod car;

Illi ghalhekk il-Qorti ma tarax li hemm ebda dubju li x-xoghol sar mill-konvenut kif del resto jidher mill-permess li wara li inghalqu l-provi gie esebit mill-konvenut relattiv biss ghad-dipartiment tat-toroq (u mhux "id-diversi dipartimenti u awtoritajiet fosthom l-istess Enemalta" li kienu skond l-istess konvenut iridu jiffirmaw) li jispecifika li dak id-dokument hareg fuq talba ta' Joseph Galea u mhux f'isem xi socjeta`;

Illi l-konvenut ma ppruvax li qabel ma beda jhaffer huwa kien ta l-avviz lill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta u wisq anqas li xi ufficjali tal-Korporazzjoni kienu ltaqghu mieghu u indikawlu fuq il-post fejn kienu ghaddejjin l-cables. Ir-records tal-Korporazzjoni jidikaw li la intliet il-formola mehtiega u anqas maru fuq il-post. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna lill-Enemalta waqt li kien qed ihaffer fi Triq il-Blajjiet, M'Scala dak in-nhar ta' l-10 ta' Gunju 1994 minghajr ma ottjena l-awtorazzazzjoni mehtiega ghal tali xoghol. Il-Qorti tosserva li l-ammont mitlub fic-citazzjoni u cioe` Lm446.26 gie kkonfermat minn Anthony Busuttil, Ufficjal fid-Dipartiment tal-Finanzi tal-Enemalta, u li dan l-ammont ma giex ikkontestat mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara lill-konvenut responsabbi ghall-hsara kkawzata f'proprjeta` tal-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Blajjiet, M'Scala fl-10 ta' Gunju 1994;

Tilqa' t-Tieni Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' erba' mija u sitta u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm446.26) in linea ta' danni sofferti mill-istess Korporazzjoni bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess propjeta`;

L-ispejjez u l-imghax kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur